**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Maġistrat: Dottor Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Kumpilazzjoni numru 34/2022**

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard Charles Spiteri**

**Vs**

**Abdelsalam M. Nouri Allalagi**

**Illum 25 ta' Jannar 2024**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront ta' Abdelsalam M. Nouri Alallagi ta' 42 sena, numru tal-Karta tal-Identita` 149293A li permezz taghhom gie akkuzat talli:

*"….nhar l-10 ta' Lulju 2022, f'xi hin bejn 00.30 ta' filghodu u 00.50 ta' filghodu waqt li kienu fi Triq il-Mungbell, Zebbug, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi;-*

1. *Ikkommetta serq ta' flus kontanti, li l-ammont kien jaqbez aktar minn mitejn u tnejn u tlettin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c) izda hu anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tlettin centezmu (2,329.37), liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, u bil-*

*hin u dan ghad-dannu ta' Kadar Ahmed Ibrahim u dan bi ksur tal-artikoli 261, 262, 267 u 270 tal-Kap. 9;*

*U aktar talli nhar l-10 ta' Lulju 2022, f'xi hin bejn 02.30 ta' filghodu u 03.00 ta' filghodu waqt li kien fi Triq il-Mungbell, Zebbug, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi:-*

2. *Ikkommetta serq ta' flus kontanti, li l-amont kien jaqbez aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c) izda hu anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tlettin centezmu (2,329.37), liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, u bil-hin u dan ghad-dannu ta' Abdirahman Osman Ibrahim u dan bi ksur tal-artikoli 261, 262, 267 u 270 tal-Kap. 9;*

3. *U aktar talli fil-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Abdirahman Osman Ibrahim, skond kif certifika Dr. James Sammut M.D. mill-Sptar Generali t'Ghawdex u dan bi ksur tal-artikolu 221 tal-Kap. 9;*

4. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;*

5. *Aktar talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi, bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies b'ghajjat jew b'mod iehor u dan ai termini tal-Artikolu 338(m) tal-Kapitolu* ***9."***

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti.

Semghet il-provi prodotti.

Rat l-artikoli indikati mill-Avukat Generali.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni.

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza.

**Ikkunsidrat**

Il-Prosekuzzjoni ressqet varji provi f' din il-kawza. Ressqet iz-zewg allegati vittmi u cioe Kadar Ahmed Ibrahim u lil Abrirahman Osman Ibrahim. Xehdu numru konsiderevoli ta' ufficjali tal-pulizija li nvestigaw dan il-kaz jew li kellhom x' jaqsmu b' xi mod f' dan l-istess kaz. L-imputat ghazel ukoll li jixhed f' dawn il-proceduri.

Wara li qieset il-provi kollha prodotti, din il-Qorti ghandha s-segwenti osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet x' taghmel:

Dwar l-ewwel imputazzjoni u cioe' dik ta' serq aggravat bi vjolenza, bil-valur, u bil-hin ghad-dannu ta' Kadar Ahmed Ibrahim, din il-Qorti tqies li l-Prosekuzzjoni

ma ressqitx provi lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli. L-allegata vittma nnifsu ammetta li huwa fl-ebda hin ma seta' jikkonferma bil-gurament tieghu li ra lil imputat jiehu xi flus minn gol-vettura tieghu. Fix-xhieda tieghu, huwa gharaf lil imputat u lil Joey Hendrikus Joza Johanna Deckers, izda dejjem baqa' jsostni li kien Deckers li fetahlu l-bieba tal-karozza tieghu. Huwa insista li l-imputat kien qed jaghti daqqiet fuq il-karozza tieghu biex ibezzghu. In oltre, il-vittma xehed li l-flus kienu go kaxxa fil-karozza u li huwa ma jafx kemm kellu flus bl-ezatt fil-kaxxa u lanqas jaf min seta' ha l-flus ghalkemm baqa' jirrepeti li Deckers kien fetahlu l-bieba tal-karozza f' zewg okkazzjonijiet. In kontroezami, il-vittma baqa' jsostni l-istess verzjoni u cioe' li huwa ma jafx kemm kellu flus u ghalhekk seta' jaghti biss ammont approsimattiv ta' kemm jahseb li kellu flus fil-karozza. In oltre, huwa rega' kkonferma li fl-ebda hin ma ra lil imputat jiehu l-flus minn gol-karozza tieghu. Ikkonferma wkoll li l-imputat ma kienx il-persuna li kien fetahlu l-bieba tal-karozza tieghu.

In vista ta' dan, din il-Qorti tqies li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx dawk il-provi necessarji sabiex din l-imputazzjoni titqies bhala ppruvatha. Ghalkemm, gie ppruvat li l-imputat kien fuq il-post fejn sehh dan l-incident u in fatti gie indikat mill-vittma bhala tali, ma tressqux provi lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli li effettivament l-imputat kien hati ta' serq aggravat.

Ghalhekk, din il-Qorti mhijiex sejra ssib htija fl-imputat.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, u cioe' serq aggravat bi vjolenza, valur u hin ghad-dannu ta' Abdirahman Osman Ibrahim, din il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda moghtija mill-allegata vittma.

Ghal darb' ohra, din il-Qorti mhijiex konvinta li tressqu provi lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli dwar din l-imputazzjoni. Il-vittma sostna li huwa ma jafx

kemm kellu flus bl-ezatt fil-vettura tieghu. Sostna wkoll li huwa ma ra lil hadd jiehu l-flejjes minn gol-vettura tieghu. Kien ikkonferma wkoll li lanqas jiftakar l-ahhar darba li kien iccekja jekk kienx ghad hemm flus fil-vettura tieghu. In kontrezami, huwa kkonferma li ma jafx kemm kien hemm flus fil-karozza tieghu u li huwa fl-ebda hin ma ra lil imputat bi flus f' idejh. Ghaldaqstant din il-Qorti mhux ser issib lil imputat hati tat-tieni imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni, l-allegata vittma gharaf lil imputat bhala dik il-persuna li aggredih. Spjega li l-imputat beda jattakkah waqt li beda jsaqsih x' kien ghamillu lil Olandiz b' referenza ghal Joey Hendrikus Joza Johanna Deckers. Il-vittma spjega li huwa gie moghti daqqiet f' dahru u fi spalltu tax-xellug. Il-Prosekuzzjoni pprezentat ic-certifikat mediku rilaxxat a favur tal-vittma (fol 9), liema certifikat mediku gie wkoll ikkonfermat bil-gurament mit-tabib li rrillaxxah u cioe' Dr James Sammut fis-seduta tas-26 ta'Ottubru 2022. Ghalkemm l-imputat cahad li huwa b' xi mod aggredixxa lil vittma, fix-xhieda moghtija viva voce quddiem din il-Qorti, huwa ammetta li huwa ggieled mal-vittma bil-kliem izda mhux bl-idejn. Madanakollu, din il-Qorti tqies li l-verzjoni moghtija mill-vittma hija kredibbli u dejjem baqghet tigi ripetuta minnu kemm a tempo vergine kif ukoll waqt dawn il-proceduri. Ghaldaqstant din il-Qorti tqies li din l-imputazzjoni giet ampjament ippruvatha mill-Prosekuzzjoni. Il-Qorti hadet konjizzjoni li l-vittma hafer lil imputat izda gialadarba l-offiża saret b' sikkina u cioe' b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, ai termini tal-artikolu 221(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma hix necessarja l-kwerela tal-parti offiza.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, il-vittma xehdet illi l-imputat aggredih bil-manku ta' sikkina li kellu f' idejh. L-imputat cahad li qatt kellu xi sikkina f' idejh waqt li kien qieghed fil-prezenza tal-vittma. Ghalkemm il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex televa l-ebda sikkina u in fatti, l-ebda sikkina ma giet ipprezentata f' dawn l-atti, din il-Qorti tqies li din l-imputazzjoni giet ampjament ippruvatha. Il-vittma kien

car fil-verzjoni li ta u din hija l-istess verzjoni li kien ukoll ta a tempo vergine mal-pulizija li kienu qed jinvestigaw dan il-kaz. Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikoli 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

> *6.Salvi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju."*

Irrizulta mill-provi li l-imputat ma kellu l-ebda licenzja mahruga a favur tieghu biex ikun jista' jgorr mieghu sikkina jew strument li jaqta'jew bil-ponta. Dan jirrizulta mid-dokumenti ezebiti mill-Ispettur Bernard Charles Spiteri u kkonfermati bil-gurament minnu fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2022. In oltre, huwa car li dan kien qed igorr din is-sikkina 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu.

Dwar il-hames imputazzjoni, u cioe' l-kontravvenzjoni ai termini ta' l-artikolu 339(m) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet Pulizija vs Christopher Abela deciza fl-4 t' Ottubru 2016 fejn gie ritenut illi:

*"...il-Qorti tqis ukoll li tali hsejjes kawzati mill-istess azzjoni tal-imputat fil-hinijiet imsemmij a fl-imputazzjoni kienet ukoll tikkostitwixxi ksur tal-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat jew b' mod iehor. Din hija lokuzzjoni wiesa' hafna li tinkludi facilment fiha hsejjes generati minn daqq ta' muzika li fil-hemda tal-lejl tkun mhux biss aktar facilment tinstema' izda wkoll li tiddisturba l-mistrieh ta' dak li jkun.."*

Il-Qorti hadet konjizzjoni wkoll tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-3 ta' Novembru, 2005 fl-ismijiet Il-Pulizija Vs Victor Grech . F' din il-kawza gie argumentat li ghandu japplika l-principju tal-buon vicinat. Intqal fl-aggravju mressqa li l-gurisprudenza tiddistingwi bejn "nuisance" u "annoyance" u biex ikollok inkonvenjent punibbli kriminalment, irid ikun "nuisance" u jrid ikun "gravi umhux facilment tollerabbli". Irid ikun ukoll "kontinwu w intens". Il-Qorti ta' l-Appell spjegat:

*"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti il-fatti rizultanti jaqghu pjenament taht id-dispozizzjoni kontravvenzjonali tal-artikolu 338 (m) tal-Kodici Kriminali li tghid li hu hati ta' kontravvenzjoni min " bil-lejl, jikser il-mistrieh tannies bi hsejjes jew ghajjat jew b' mod iehor".*

*Certament li jekk detentur ta' ziemel ihallih ihokk, jobrox jew ihabbat ma hajt divizorju li warajh jew fuqu jghixu in-nies ma tul il-lejl, dan jaqa' taht din ilkontravvenzjoni. Terga' u tghid li rrizulta li dan hu kaz ta' nuisance, kontinwu, gravi w mhux facilment tollerabli, ghax ma jhallix il-vicini jistriehu fil-hin talmistrieh legittimu taghhom.*

*Illi l-buon vicinat li qed jinvoka l-appellant l-ewwel ma japplika hu ghalih billi hu z-ziemel tieghu li qed jiddisturba l-kwiet ta' bil-lejl li l-kwerelanti ghandhom dritt ghalih go darhom.*

*Ghalhekk din il-Qorti qed tirrespingi l-aggravji li huma relatati mas-sejbien ta' htija."*

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tax-xhieda moghtija minn entrambi l-vittmi. Jirrizulta li ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-incident relatat ma' Kadar Ahmed Ibrahim, l-imputat kien qed isabbat u jaghti daqqiet fuq il-parti ta' quddiem tal-

vettura misjuqa minn Ibrahim. Ghalhekk, kien qed jaghmel storbju li jikser il-mistrieh tan-nies partikolarment meta wiehed iqies il-hin li fih sehh dan l-incident. Anke ghal dak li ghandu x' jaqsam mat-tieni incident, irrizulta li l-imputat aggredixxa lil Abdirahman Osman Ibrahim u anke beda jghajjat u jaghmel storbju. Ghaldaqstant, din il-Qorti tqies li din il-hames imputazzjoni giet ukoll ippruvatha mill-Prosekuzzjoni.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, din l-Onorabbli Qorti qeghda tillibera lil imputat mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni filwaqt li wara li rat l-artikoli 17(b), 17(d), 221(2), 217, 338(m), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lil imputat hati tat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet, u tikkundannah ghal prigunerija ta' sentejn minn liema ammont ghandu jigi mnaqqas dak skontat taht arrest preventiv. kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' EUR 116.47c.**

**Inoltre, il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 382 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta qed tohrog ordni ta' trazzin fil-konfront ta' l-istess hati a favur tal-vittmiKadar Ahmed Ibrahim u Abdirahman Osman Ibrahim, liema ordni ta' trazzin hija soggetta ghal varji kondizzjonijiet ilkoll kontenuti fl-istess ordni. Din l-ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill hati sabiex ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' EUR 413.00c (spejjez imhallsa lil Dr Daniel Calleja) fi zmien tlett xhur millum**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hati u x'jigri f'kaz li jonqos li josservha u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**(ft.) Dr. Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft.) Diane Farrugia**
**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**